MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Rikors Numru. 18/2005/1

Dolores Farrugia

Vs

John Grima u Michael sive Kelinu Grima

Il-Bord,

Ra r-rikorsipprezentat mir-rikorrenti fil-11 ta' Frar, 2005 fejn esponiet:

Illi l-esponenti hija sid il-fond numru 46 gia 79, Correa Street, Qormi.

Illi dan il-fond kien jinkera lil Lawrence Grima, illum mejjet, u lill-intimati, bhala workshop ta' mastrudaxxa bil-kera ta' Lm48.00 fis-sena prossima skadenza fl-1 ta' Frar, 2006.

Illi l-intimati kienu hargu mill-fond imsemmi in kwantu stabilew il-post tax-xoghol taghhom band'ohra u l-

imsemmi Lawrence Grima baqa’ jaghmel fil-fond de quo xoghol ta’ lostru u irfinar tal-ghamara biss.

Illi llum dan il-fond m’ghadux jintuza bhala workshop ta’ mastrudaxxa u ghalhekk avvera ruhu bdil fid-destinazzjoni tal-fond minghajr il-kunsens tas-sid konsegwenza tan-non uso.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu ghar-ragunijiet premessi jawtorizza lill-esponenti tiehu lura l-pussess tal-fond surriferit meta tintemm il-kirja korrenti u dan billi tipprefiggi lill-intimati terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament.

Ra li l-intimati pprezentaw ir-risposta taghhom fl-4 ta’ Marzu, 2005 fejn esponew:

1. Illi fl-ewwel lok ma hux minnu li l-fond numru 46 gia 79, Correa Street, Qormi hu mikri jew qatt ma kien mikri lill-intimati bhala workshop ta’ mastrudaxxa izda gie mikri lilhom bhala remissa (Dokument A anness). L-intimati u l-mibki missierhom Lawrence qatt ma ezercitaw is-sengha ta’ mastrudaxxa f’hajjithom izda huma lostaraturi.

2. Illi l-fond in kwistjoni kien jintuza minn missier l-intimati u mill-istess intimati bhala remissa u kif ukoll kienu jillostraw l-ghamara hemmhekk bil-permess tas-sid, u llum qed juzaw l-istess fond bhala remissa li fiha jahznu l-ghamara li jkunu ser jillostraw jew li jkunu ghadhom kemm illostraw.

3. Illi wkoll l-intimati jaghmlu xi xoghol ta’ lostru f’dan il-fond pero’ dan kulltant biss.

4. Illi ghalhekk ma hemmx bdil fid-destinazzjoni tal-fond b’konsegwenza tan-non uso kif qed jigi allegat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ikkunsidra:

1. Ra li fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2006 xehdet Grace Farrugia, bint ir-rikorrenti minnha prodotta. Waqt li kienet qed taghti x-xhieda taghha giet mistoqsija mill-avukat tar-rikorrenti:

Mistoqsija: "F'Awissu. Wara li r-remissa nharqet x'uzu beda jsir minn dan il-post"

Twegiba: "Regghu bdew l-istess xoghol wara li rrangaw l-affarijiet.....
Imbaghad hargu minn hemm huma. Telqu, hadu post iehor".

Mistoqsija: "Telqu?"

Twegiba: "Iva"

Mistoqsija: "Kif taf. Dwar dan ghandek xi prova jew xi dokumenti"

Twegiba: "Ghandna ittra, kien baghtielna l-avukat taghhom".

2. Ra li fl-istess seduta n-naha ntimata opponiet il-produzzjoni ta' dan id-dokument "stante li din hija ittra li ntbaghtet bejn l-avukati u bla pregudizzju". Fin-nota tas-27 ta' April l-intimati issottomettew li l-ittra m'ghandha l-ebda valur probatorju ghax "giet skambjata ghexieren ta' snin ilu bejn l-avukat ta' missier l-esponenti u l-avukat tar-rikorrenti biex possibilment jaslu ghall-ftehim legittimu".

3. Ra l-ittra tal-1 ta' Marzu, 1983 li wiegbet ohra (mhux prezentata) tas-17 ta' Frar 1982(?)

4. Din l-ittra issemmi dak li qalu xhieda ohra, torbot maghhom u intuzat mix-xhud biex isahhah dak li kienet tghid. Din mhix ittra biex issir xi arrangament, tidher mad-daqqa t'ghajn bil-kuntrarju. Il-gurisprudenza senjalata

mill-intimati tirreferi aktarx dwar preskrizzjoni, li mhux il-kaz hawhekk.

5. Ghalhekk il-Bord qed jichad it-talba ghall-isfilz ta’ l-ittra b’dan li l-kontro parti tista’ tressaq l-ittra tas-17 ta’ Frar, 1983 jew kwalunkwe prova li jidhrilha dwar l-istess. Jaghmilha cara li bl-ebda mord ma qieghed jippronunzja ruhu dwar il-mertu tar-rikors. Spejjez riservati; r-rikors jibqa’ differit ghall-kontinwazzjoni ghat-12 ta’ Gunju, 2006 fid-9:30a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------